

# News Releases

Home » It-Turiżmu Lejn Malta: April tal-2023

Punti ewlenin | Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

# It-Turiżmu Lejn Malta: April tal-2023

NR098/2023 Data tal-Ħruġ: 02 ta' Ġunju 2023

*F'April tal-2023, l-għadd sħiħ tat-turisti li waslu Malta kien stmat li jlaħħaq il-266,798, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mgħoddijin kien jgħodd il-1,615,564.*



Fix-xahar li qed jiġi mifli f'din l-istqarrija, 243,224 turist żar Malta għal btala, mentri 10,866 turist ġie Malta għal raġunijiet ta' xogħol. L-akbar għadd ta' turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (38.5 fil-mija); warajhom kien hemm dawk fl-età ta' bejn il-45 u l-64 sena (31.2 fil-mija) (Tabella nru 1). Residenti mill-Italja, mir-Renju Unit, u minn Franza kienu jagħmlu 48.8 fil-mija tat-turisti kollha li waslu Malta (Tabella nru 5).

Meta mqabbel mal-istess xahar tas-sena ta' qabel, l-għadd sħiħ tal-iljieli mqattgħin Malta tela' bi 32.9 fil-mija, u qabeż il-1.6 miljun lejl. Il-kotra l-kbira ta' dawn l-iljieli (83.9 fil-mija) kienu mgħoddijin fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni mikrija (Tabella nru 3). It-tul medju ta' dawn iż-żjajjar kien jammonta għal 6.1 iljieli (Tabella nru 1).

F'April 2023, in-nefqa sħiħa tat-turisti kienet stmata li taqbeż il-€200.1 miljun, li hija żjieda ta' 44.9 fil-mija fuq l-istess xahar sena qabel (Tabella nru 4). L-infiq medju kull lejl kien stmat li kien €123.9 (Ċart nru 2b).

**Jannar-April 2023**

Fl-ewwel erba' xhur tal-2023, it-turisti li waslu Malta laħqu s-709,860, filwaqt li l-għadd sħiħ tal-iljieli mgħoddijin qabeż l-4.5 miljun lejl (Tabelli nri 6 u 8).

L-infiq sħiħ mit-turisti kien stmat li kien €512.5 miljun (Tabella nru 9). L-infiq sħiħ ras għal ras żdied għal €722 mis-€710 li kien fl-2022 (Tabella nru 11).

## Ċart 1. Numru totali ta' turisti lejn Malta fix-xahar

April 2020 - April 2023




## Ċart 2a. In-nefqa totali, ras għal ras, mit-turisti li żaru Malta

April 2023




## Ċart 2b. In-nefqa totali, kull lejl, mit-turisti li żaru Malta

April 2023

